# Napprezzaw dak li jagħmlu għalina

Ms.Rebecca Falzon

# Nħarsu lejn il-pożittiv ta' kull sitwazzjoni.

Għal kull storja, wieġeb il-mistoqsija, "Għalfejn għandi napprezza u ngħid grazzi?"

Ms.Rebecca Falzon

fppt.com

- Mark huwa tifel li jħobb jkollu ġugarelli ġodda. Jilgħab bihom għal ftit u jixba minnhom malajr. Ġurnata minnhom iffissa li jrid jixtri logħba ġdida. Missieru kien għadu kif xtralu logħba ftit ġranet qabel u għalhekk m'aċċettax. Qallu li għandu bżonn jitgħallem igawdi aktar li għandu u jiftakar f'min m'għandu xejn.



Ms.Rebecca Falzon

Qallu biex minflok jilgħab bil-ħafna ġugarelli li diġà għandu. Mark baqà jinsisti li jridu bilfors u għamel xenata sħiħa. Il-papà tah konsegwenza u qallu, “Ma tistax tilgħab il-plejstejxin għal dawn it-tlett ijiem.” Huwa għamel hekk sabiex Mark jibda japprezza u jifraħ b’dak li għandu u mhux dejjem jkun irid xi ħaġa li m’għandux.



Ms.Rebecca Falzon

Iżda Mark vera rrabja u beda jgħid li l-papà ma jħobbux. Il-ħabib tiegħu qallu li l-papà tiegħu ma xtralux il-logħba l-ġdida għax tant kemm iħobbu u għandu jgħidlu grazzi minflok jeħodha kontrih. Mark ma bediex jifhem.



Intom x'taħsbu, "Għalfejn għandu japprezza u jgħid grazzi lill-papà?"

Ms.Rebecca Falzon

# Aħsbu ftit x'jagħmlu għalina dawk li jieħdu ħsiebna?

(mamà/papà/nanniet/zijiet....)



Ms.Rebecca Falzon

Marija tħobb turi lill-mamà kemm tapprezza dak kollu li tagħmel għaliha. Tixtieq ftit ideat ta' kif tista' turi lil ommha li tapprezza kulma tagħmel magħha. Tistgħu tgħinuha?

1. Għandna napprezzaw dak li jagħmlu l-ġenituri jew min jieħu ħsiebna?
2. Għaliex?
3. X'tista tagħmel Marija? u aħna?

Ms.Rebecca Falzon

# Aħsbu ftit x'jagħmlu għalina l-għalliema?



Ms.Rebecca Falzon

# Aħsbu ftit x'jagħmlu għalina l-ħbieb?
# Ngħaddu mingħajrhom?



Ms.Rebecca Falzon

# L-għalliema



**Silta 1:** **L-għalliema u l-katekisti tagħna dejjem jippreparaw ħafna xogħol biex aħna nieħdu gost nitgħallmu affarijiet ġodda kuljum. B'hekk aħna nkunu nistgħu ngħixu ħajja aktar komda għax ma nibqgħux dejjem niddependu fuq l-oħrajn.**

**Kif nistgħu nuru lill-għalliema tagħna li napprezzaw dak kollu li jagħmlu magħna? Aqraw l-eżempji u għid hux mod TAJJEB jew LE biex nuru apprezzament.**

- Noqogħdu attenti waqt il-lezzjonijiet u nipparteċipaw.
- Noqogħdu nparlaw l-ġurnata kollha.
- Noqogħdu nixtrulhom rigal kull ġimgħa.
- Meta jikkoreġuna ma nissupervjawx u niskużaw ruħna.
- Ngħidu grazzi eżempju qabel ma nitilqu lejn id-dar.

Ms.Rebecca Falzon

# Il-familja



**<u>Silta 2:</u>** Il-familja tagħna dejjem hemm għalina kemm f'mumenti sbieħ u anki koroh. Il-familja tgħinna nikbru ferħanin u ngħixu aktar bħal-Ġesù permezz tal-imħabba. Bħal-għalliema, bis-saħħa tal-ġenituri, aħna nibdew napprezzaw aktar l-kwalitajiet sbieħ fin-nies u fid-dinja tagħna.

**Kif nistgħu nuru lill-membri tal-familja li napprezzaw dak kollu li jagħmlu magħna? Aqraw l-eżempji u għid hux mod TAJJEB jew LE biex nuru apprezzament.**

- Kultant nagħmlu xi kartolina ta' ringrazzjament billi npinġu jew niktbu messaġġ sabiħ.
- Nixtrulhom ħafna rigali.
- Ngħinu fix-xogħol tad-dar mingħajr ma ngergru.
- Għid "grazzi" bil-kliem jew anki b'xi tgħannieqa u ifraħ b'kull ma jagħmlu għalik kuljum.

Ms.Rebecca Falzon